MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Numru 20/2001

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Christopher Kokavessis**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 20 tas-sena 2001, kontra l-akkuzat Christopher Kokavessis, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi kien l-erbgha w ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elf disa mija disgha w disghin (1999) meta gewwa l-bar tal-Marsa White Stars, fi Triq is-Sebh il-Marsa, ghall-habta tal-ghaxra w nofs ta' filghaxija, dahal Christopher Kokavessis. Dan Christopher Kokavessis qatta' xi hin jixrob hemmhekk, u f'hin minnhom, informa lil certa Josette Zammit, li dak il-hin kienet qeghda tiehu hsieb il-bar, li

kien sejjer ipoggi xi kokajina fuq il-counter tal-imsemmi bar. Fil-fatt hekk qabad u ghamel.

Meta rat hekk, l-imsemmija Josette Zammit ordnatlu sabiex inehhi kollox minn hemm, izda Christopher Kokavessis injoraha. Kien ghalhekk li Josette Zammit nel frattemp cemplet lil zewgha Paul sabiex dana jigi hemm u jirranga s-sitwazzjoni. Paul Zammit lehaq gie fuq il-post u ordna lil Christopher Kokavessis sabiex jew inehhi dawk l-affarijiet minn hemm inkella jitlaq il-barra minn hemm.

Christopher Kokavessis ghal darb'ohra injora l-ordni moghtija lilu. Mhux talli hekk, imma talli f'mument minnhom hareg barra mill-bar, gab sikkina bil-manku ta' lewn il-fidda mill-vettura tieghu, rega' dahal gewwa l-bar, u bil-hsieb li joqtol lil Paul Zammit, jew li jpoggielu hajtu f'periklu car, ta daqqa bl-imsemmija sikkina f'dar Paul Zammit, u hekk kif dana dar, tah daqqa ohra bis-sikkina fl-istonku waqt li kien mal-bank tal-bar. Fil-pront, nies ohra li kienu fil-bar intervenew u waqfu lil Christopher Kokavessis milli jkompli bl-attakk omicida tieghu, tant li anke kkagunaw xi feriti fuq il-persuna tal-istess Christopher Kokavessis.

Bhala konsegwenza, Paul Zammit soffra griehi gravissimi, w, peress li huwa ttiehed tempestivament l-isptar u sarlu intervent kirurgiku, hajtu giet salvata.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Christopher Kokavessis sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Christopher Kokavessis hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Ghalhekk l-Avukat Generali talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn sitt snin sa' ghoxrin sena skond

dak li hemm u jintqal fl-artikoli 23, 31(1)(a)(b)(i)(ii), 41(1)(a), 211 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2) u wara li fit-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi fil-lejl ta' bejn l-24 u l-Milied tas-sena 1999, u fil-granet ta' qabel, Christopher Kokavessis kien xjentement fil-pussess tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza. Dana ghaliex f'hin minnhom gewwa l-bar tal-Marsa White Stars fi Triq is-Sebh, Marsa, hareg minn fuq il-persuna tieghu xi bicciet tar-razamehuda mill-pjanta cannabis. Pero' gara li hin wara dak in-nhar, l-istess Christopher Kokavessis ipprova joqtol lil Paul Zammit, izda ma rrnexxielux ghax xi nies ohra li kienu gewwa l-bar intervenew u aggredew lill-istess Christopher Kokavessis, tant li dana harab minn fuq il-post.

Il-Pulizija, nel frattemp, issejjhu fuq il-post, u wara indagini taghhom, hassew li kellhom jaghmlu tfixxija fir-residenza tal-imsemmi Christopher Kokavessis. Ghalhekk ipprocedew biex jaghmlu tfittxija fir-residenza tal-imsemmi Christopher Kokavessis gewwa Block B, Flat 2, Triq is-Sebha, Marsa, u minn hemm hekk xi s-siegha w nofs ta' filghodu ta' nhar il-Milied tas-sena 1999, minn fuq cooker hood tal-kcina giet elevata blokka raza mehuda mill-pjanta cannabis u li kienet fil-pussess u kontroll xjenti tal-istess Christopher Kokavessis.

Id-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis imsemmija hija droga specifikata fit-Tielet Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi l-imsemmi Christopher Kokavessis la kellu licenzja mill-President ta' Malta ghall-eghmil tieghu w anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija. Inoltre Christopher Kokavessis ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w ma kellux licenzja w anqas kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija.

L-istess Christopher Kokavessis ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Christopher Kokavessis sar hati talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-pusses ta' dak l-oggett.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Christopher Kokavessis, hati talli xjentement kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-pussess ta' dak l-oggett.

Ghalhekk l-Avukat Generali talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltija izda mhux izjed minn ghaxar telef lira Maltija, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 3, 8(a), 10, 12, 14, 15A, 22(2)(a)(ii), u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17(b), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat il-verdett tal-gurati li bih unanimament sabu lill-akkuzat mhux hati tal-akkuzi taht l-ewwel u t-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

Tiddikjara lil Christopher Kokavessis mhux hati ta' tentattiv ta' omicidju volonarju w cioe' talli fl-24 ta' Dicembru, 1999, ghall-habta tal-ghaxra w nofs ta' filghaxija, gewwa l-bar tal-Marsa White Stars, fi Triq is-Sebh, Marsa, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex

ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u dana skond l-Ewwel Kap. tal-Att tal-Akkuza;

Tiddikjara wkoll lil Christopher Kokavessi mhux hati talli fil-lejl ta' bejn l-24 u l-Milied tas-sena 1999 xjentement kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-pussess ta' dak l-oggett, u dana skond it-Tieni Kap. tal-Att tal-Akkuza;

Rat l-Artikolu 487 tal-Kodici Kriminali w tiddikjara lil Christopher Kokavessis mehlus u tordna li jigi liberat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------